KNPD

# Politika fuq l-Għajxien Indipendenti Sapportjat għall-Persuni b'Diżabilità f'Malta

FOR DIVERSITY
AGAINST DISCRIMINATION

The information contained in this publication does not necessarily reflect the position or opinion of the European Commission".For more information see: *http://ec.europa.eu/progress*

**Rapport miġbur mis-Sur David Spiteri Gingell**

**2011**

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilitá

Bugeia Institute

Triq Braille

St Venera

Tel: 22788555

Fax: 22788490

SMS:  79788555

Email: helpdesk@knpd.org

Website: www.knpd.org

## Daħla

## Għajxien Indipendenti Sapportjat: id-dritt li tagħżel

"Meta ngħid indipendenza, irrid infisser id-dritt li tagħżel". Dan huwa l-mod kif wieħed mill-parteċipanti b'diżabilità f'dan l-istudju ddeskriva kif l-effett ta' għajxien indipendenti sapportjat kellu fuq il-kwalità tal-ħajja individwali.

L-idea li persuni b'diżabilità jibbenifikaw minn għajxien indipendenti sapportjat f'komunitajiet regolari ilha teżisti għal għexieren ta' snin – fil-prinċipju jekk mhux fil-prattika. L-idea minnha nnifisha tnisslet direttament mill-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità u marret direttament kontra s-soluzzjoni ekonomika/ politika ta' "magazzinaġġ", jiġifieri, il-ġbir flimkien ta' numri kbar ta' persuni b'diżabilità li għandhom bżonnijiet għolja ta' sapport ġewwa istituzzjonijiet kbar li normalment ikunu segregati skont is-sess u 'l bogħod minn soċjetà regolari.

Il-Liġi Maltija, b'mod aktar speċifiku Att 1 tal-2000, Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (EOA) iddikjarat li huwa llegali li titratta persuna b'diżabilità "b'mod anqas favorevoli" minn persuna oħra li m'għandhiex diżabilità. Din il-projbizzjoni ġeneralment tapplika għal kull aspett ta' ħajja ta' persuna. Peress li din il-leġiżlazzjoni tiġbor kollox fiha, xi kultant jidher il-bżonn li sitwazzjonijiet partikulari jiġu emfasizzati b'mod individwali. Dan huwa eżattament dak li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) u l-Protokol Fakultattiv tal-2006 stabbilixxew li għandu jintlaħaq. Ħafna artikli fil-UNCRPD jiġbru d-dritt għall-indipendenza u l-għażla.

Pereżempju, Artiklu 5 jiżgura ugwaljanza quddiem il-Liġi. Artiklu 18 jiggarantixxi libertà ta' moviment kif ukoll il-libertà li wieħed jagħżel ir-residenza tiegħu b'mod ugwali bħal ħaddieħor, u Artiklu 19, speċjalment, jemfasizza d-dritt li persuni b'diżabilità:

- jagħżlu l-post tar-residenza ... fejn u ma' min għandhom jgħixu b'mod ugwali bħal ħaddieħor u [li għandhom] u mhux [ikunu] obbligati li jgħixu f'arranġament ta' għajxien partikulari;
- ikollhom aċċess għal firxa ta' djar, residenzi u servizzi oħrajn ta' sapport fil-komunità, li jinkludu l-assistenza personali neċessarja li tissapportja l-għajxien u l-inklużjoni fl-komunità, u li tipprevjeni l-iżolament u s-segregazzjoni mill-komunità.
- [ikollhom aċċess għal]: ... servizzi fil-komunità u faċilitajiet għall-popolazzjoni ġenerali [u li jiżguraw li dawn] ikunu disponibbli b'mod ugwali għal persuni b'diżabilità u jirrispondu għall-bżonnijiet tagħhom.

Din il-Politika dwar Għajxien Indipendenti Sapportjat għall-Persuni b'Diżabilità f'Malta, kummissjonata mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) tieħu bħala punt ta' tluq il-prinċipji stabbiliti kemm fl-EOA u l-UNCRPD. Barra minn hekk, hija tirrikonoxxi l-fatt li l-persuni b'diżabilità huma differenti ħafna kemm fl-individwalità, fin-natura u s-severità tad-diżabilità tagħhom, fil-funzjonalità u l-bżonnijiet li għalihom jeħtieġu sapport. Il-Politika tgħid b'mod ċar li 'l-ebda mudell ma jista' jiġi applikat fis-sitwazzjonijiet kollha u għaldaqstant id-dokument fl-ebda waqt ma jaddotta l-approċċ ta' 'qies wieħed għal kulħadd'.

Fil-fatt, il-politika tressaq numru ta' rakkomandazzjonijiet li kollha għandhom l-għan li jieħdu approċċ ħolistiku għas-sitwazzjoni preżenti. Dawn jinkludu, għalkemm mhux biss, il-ħtieġa għal riċerka kontinwa, suġġeriment ta' sħubija bejn is-settur privat u pubbliku, tnedija ta' politika universali għad-dritt tal-pensjoni tad-diżabilità, il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni *ad hoc* li tiffoka fuq għajxien indipendenti sapportjat, riforma fil-qafas tal-pensjoni tad-diżabilità, u proċess eliġibbli li jkun trasparenti u miftuħ. Il-politika tipprova wkoll tidentifika u tressaq għall-konsiderazzjoni mudelli ta' prattika tajba li ġew rakkomandati minn persuni b'diżabilità nfushom.

Il-pubblikazzjoni ta' din il-politika saret f'waqtha l-aktar meta tikkunsidra l-fatt li persuni b'diżabilità Maltin u Għawdxin kif ukoll il-familji tagħhom ilhom żmien jesprimu tħassib serju dwar x'se jiġri meta n-netwerk ta' qraba li jipprovdu sapport lil dawn il-persuni jiġu nieqsa. Il-biża' tal-

istituzzjonalizzazzjoni u t-telf tal-individwalità u l-awtonomija personali huma reali ħafna għal numru kbir ta' persuni b'diżabilità. Il-ħtieġa għalina lkoll li nieħdu azzjoni pożittiva b'mod immedjat laħqet proporzjonijiet ta' kważi emerġenza.

Din il-politika mhijiex, u lanqas tippretendi li tagħti risposta ta' malajr, għaliex naturalment din ma teżistix. Madankollu, din hija l-ewwel attentat komprensiv u fattwali li tidentifika kif suppost il-problema u toffri varjetà ta' għażliet possibbli lil dawk li qed jieħdu d-deċiżjonijiet. Aħna nawguraw li l-persuni b'diżabilità, il-familji u l-avukati tagħhom jużaw dan id-dokument sabiex jgħinhom jinfluwenzaw il-bidla. Barra minn hekk, nawguraw ukoll li min jieħu d-deċiżjonijiet isibu għodda bżonnjuża sabiex tgħinhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji li malajr kemm jista' jkun u b'mod effettiv jindirizzaw il-bżonnijiet reali tal-persuni b'diżabilità fir-realtajiet tal-lum.

Joseph M. Camilleri

Ċermen, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

## Sommarju Eżekuttiv

Għalkemm sa mill-2000 il-Gvern imbarka fuq proċess sistematiku li jistabbilixxi blokki ta' bini li fuqhom jista' jinbena qafas ta' politika ta' għajxien indipendenti sapportjat, dan ir-rapport jikkonkludi li sal-lum hemm nuqqas ta' politika koeżiva u universali għal għajxien indipendenti sapportjat għall-persuni b'diżabilità li l-partijiet interessati – jiġifieri l-Gvern, Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, il-ġenituri u l-familji, u l-aktar importanti l-persuni b'diżabilità nfushom – qed jaħdmu għaliha. Hemm ukoll nuqqas ta' informazzjoni dwar l-aspetti kollha tas-settur tad-diżabilità – informazzjoni li mingħajrha ma tistax titfassal politika tajba.

Fil-fatt in-nuqqas ta' qafas ta' politika koeżiva u universali għal għajxien indipendenti sapportjat, tidher forsi b'mod aktar evidenti fost il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità illi jibżgħu mill-ġejjieni tat-tfal tagħhom hekk kif dawn tibda tonqsilhom saħħithom jew jiġu nieqsa.

Permezz tal-Aġenzija Sapport, fl-ewwel snin tal-2000, il-Gvern addotta proċess aggressiv li jistabbilixxi s-sistemazzjoni ta' persuni b'diżabilità f'postijiet ta' għajxien indipendenti sapportjat. L-attenzjoni tal-Aġenzija Sapport kien primarjament li jitwaqqfu postijiet immexxija mill-istat li joffru għajxien indipendenti sapportjat, kif ukoll li ssir sħubija mal-fondazzjonijiet tal-knisja f'dan ir-rigward. Issa hemm bżonn ta' riforma fil-qafas li ġġib magħha faċilità, sapport u stimolu għal għajxien indipendenti sapportjat lill-persuni b'diżabilità.

Hemm ukoll bżonn ta' riformi fl-Att tas-Sigurtà Soċjali, fl-Att tat-Taxxa tad-Dħul, jew fl-immaniġġjar tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali ta' dħul iġġenerat minn fondi fiduċjarji privati li jkunu stabbiliti mill-ġenituri tat-tfal b'diżabilità, jew miżuri oħra ta' politika diretti li jinkoraġġixxu ġenituri individwali li jiffinanzjaw permezz tat-tfaddil tagħhom is-sistemazzjoni tat-tfal b'diżabilità f'ambjent ta' għajxien indipendenti sapportjat.

Fil-fatt, Skeda V tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tkompli tippenalizza lil dik il-persuna b'diżabilità li għandha mezzi lil hinn mil-limiti stabbiliti - mezzi li persuna b'diżabilità tistà tkun qed tirċievi permezz ta' fondi fiduċjarji privati.

Fil-qosor, ma kien hemm l-ebda bidla mmexxija minn politika li tissapportja lill-familji sabiex jinvestu fil-benesseri tat-tfal b'diżabilità permezz ta' twaqqif ta' ambjenti li joffru għajxien indipendenti sapportjat għalihom. U b'dan il-mod qed titneħħa d-dipendenza kważi totali li t-twettiq ta' ispirazzjoni bħal din tiddependi kompletament minn sistemazzjoni, fi ħdan stokk żgħir ta' postijiet li għandu l-Gvern.

Il-frażi *dipendenza kważi totali* hija magħżula b'reqqa. Kif juri dan ir-rapport, ambjent ta' għajxien indipendenti sapportjat li jinkludi livell bażiku ta' kura – sagħtejn ta' sapport assistiv li jkun personali u individwali – huwa stmat li fis-sena jiswa €17,854 filwaqt li ambjent li jinkludi livell intensiv ta' kura – tnax-il siegħa ta' sapport assistiv li jkun personali u individwali – huwa stmat li fis-sena jiswa €44,910. Dan ir-rapport jikkonkludi li, anke fl-iktar livell bażiku ta' kura, il-finanzjament privat għal sistemazzjoni ta' persuna b'diżabilità f'ambjent li joffri għajxien indipendenti sapportjat, taħt il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet leġiżlattivi attwali, huwa lil hinn minn dak li jifilħu ħafna familji.

Għaldaqstant, għal baġit totali finanzjarju ta' €4,097,000 bejn l-2002 u l-2006, l-Aġenzija investiet f'44[1] post residenzjali li joffri għajxien indipendenti sapportjat. Dan jitqabbel tajjeb ħafna meta tqis li mill-2007 lil hawn sar investiment f'16-il post fi djar b'għajxien indipendenti sapportjat, meta l-baġit totali finanzjarju għall-Aġenzija, meta teskludi n-nefqa kostanti ta' €3,469,000 għal Servizzi ta' Matul il-Jum, kien ta' €12,080,000.

Għaldaqstant, bejn l-2002 u l-2006 l-Aġenzija fetħet post residenzjali b'ambjent ta' għajxien indipendenti sapportjat għal kull €93,114 li ġew allokati lilha fil-baġit meta mqabbel ma' post residenzjali b'ambjent ta' għajxien indipendenti sapportjat għal kull €755,000 li ġew allokati lilha fil-baġit (meta teskludi l-estimi finanzjarji għall-Kura ta' Matul il-Jum) mill-2007.

[1] Tinkludi postijiet residenzjali f'Dar Arka u Dar Pirotta

Ir-rapport jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' bini ta' qafas ta' politika li tkun b'saħħitha u sostnuta b'mod koeżiv u universali għall-għajxien indipendenti sapportjat għall-persuni b'diżabilità.

**Ir-Rakkomandazzjonijiet:**

1. Hemm nuqqas kbir ta' statistika dwar is-settur tad-diżabilità li ma tgħinx biex ikun hemm tfassil tajjeb ta' politika f'dan il-qasam. Il-KNPD għandha tilħaq ftehimmal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika biex tibda tinġabar statistika b'mod strutturat.

2. Il-KNPD għandha wkoll ġġib fondi, mill-Unjoni Ewropea jew minn sorsi lokali, biex isir servej biex ikun hemm stampa ċara dwar is-sitwazzjoni preżenti rigward l-għixien indipendenti sapportjat, dak li sar s'issa, dak li hemm bżonn isir, ir-riżorsi eżistenti u dawk meħtieġa.

3. Il-Gvern għandu juri b'mod konkret l-impenn tiegħu għall-Artiklu 19 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Unit dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u jirratifika din il-Konvenzjoni mill-aktar fis possibli.

4. Il-politika dwar Għixien Independenti Sapportjat għal persuni b'diżabilità għandha tinżamm separata mill-kura tal-anzjani, mill-inqas sakemm ikun hemm biżżejjed riżorsi tal-istat għal investiment fil-bżonnijiet il-persuni b'diżabilità li ma humiex anzjani.

5. Il-politika dwar Għixien Independenti Sapportjat għandha tagħti priorità lil dawk il-persuni b'diżabilità li twieldu b'xi nuqqas fiżiku jew mentali, jew żviluppaw dan in-nuqqas qabel ma saru anzjani.

6. Il-politika dwar Għixien Independenti Sapportjat għandha tiġi koordinata u implimentatha minn Bord li jiżgura li jkun hemm koeżjoni bejn din il-politika u kwalunkwe politika f'oqsma oħra u li x-xogħol f'dan il-qasam isir b'mod ħolistiku u li jilħaq il-bżonnijiet ta' kulħadd.

7. Għandu jkun hemm liġi dwar Għixien Independenti Sapportjat li tistabilixxi fost oħrajn: (i) il-persuni li huma intitolati; (ii) ir-regoli dwar min għandu jkollu aċċess għal djar tal-istat li joffru Għixien Independenti Sapportjat; (iv) koordinazzjoni tal-politika dwar Għixien

Independenti Sapportjat; (v) dħul individwali u baġits delegati; (vi) Djar għal Għixien Independenti Sapportjat; (vii) Fond għal Għixien Independenti Sapportjat; u (vii) *Trusts* Privati għall-Persuni b'Diżabilità.

8. Is-sapport li jkunu intitolati għalih persuni b'diżabilità li jgħixu f'ambjent ta' Għixien Independenti Sapportjat għandu jinkludi fost oħrajn: (i) servizzi ta' assistenza personali; (ii) sapport ta' teknoloġija assistiva; (iii) addattament ta' propjetà biex taqdi bżonnijiet relatati mad-diżabilità; u (iv) fejn hemm bżonn moniteraġġ 24*7 u servizzi ta' sapport oħra fejn meħtieġa.

9. L-eliġbilitá għal servizzi ta' Għixien Independenti Sapportjat għandha titqies fuq il-bażi tal-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilitá u mhux fuq id-dianjożi medika tagħha. Ladarba persuna b'diżabilitá tkun ikkwalifikat għal dawn is-servizzi hi għandha tibqa' eliġibbli għalihom tul ħajjitha, sakemm ma jkolliex bżonn ta' servizzi oħra.

10. Bħalha prinċipju, l-eliġiblitá ta' persuna għal servizzi ta' Għixien Independenti Sapportjat m'għandix tkun suġġetta għal test tad-dħul jew kapital tal-persuna. Il-Gvern għandu jassessja l-impatt ekonomiku u soċjali ta' politika universali ta' eliġiblitá tul il-ħajja tal-persuna b'diżabilità minħabba li din tista' tkun aktar effettiva billi tinkoraġġixxi li l-familji tal-persuni b'diżabilità jagħmlu investiment privat u jfaddlu biex ikomplu jtejbu l-kwalitá tal-ħajja tal-persuna b'diżabilità.

11. Għandha tkompli r-riforma tal-qafas tal-pensjoni tad-diżabilità sabiex din tkun tirrifletti n-nuqqas ta' funzjonalità li tesperjenza persuna b'diżabilità u sabiex, filwaqt li d-dħul tal-persuna jkun ikkunsidrat, il-persuna xorta jkollha biżżejjed benefiċċji soċjali biex ikollha kwalità ta' ħajja tajba f'ambjent ta' Għixien Independenti Sapportjat.

12. Minħabba li diffiċli ħafna li jkun hemm biżżejjed finanzi sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet u xewqat kollha tal-persuni b'diżabilità biex igħixu f'ambjent ta' Għixien Independenti Sapportjat, hu importanti li t-tqassim tar-riżorsi eżistenti u l-kriterji ta' eliġibilità jkunu (i) trasparenti u miftuħa; (ii) ibbażati fuq metodoloġija li tagħti lok għal identifikazzjoni vera u ġusta tar-riskji involuti u ta' dak li għandu

jingħata prijorità; (iii) dokumentata b'mod li faċilment jista' jiġi verifikat; u (iv) suġġetta għal reviżjoni ġusta.

13. Meta persuna b'diżabilità ma tkunx tista' tuża servizzi ta' Għixien Independenti Sapportjat mill-ewwel, din għandha titpoġġa fuq *waiting list*. Il-metodoloġija użatha biex jintagħżlu persuni minn fuq din il-*waiting list* biex jingħataw servizz għandha tkun ġusta u miftuħa u tikkunsidra min għandu jingħata servizz bi prijorità u anke r-riskju li tkun fih il-persuna b'diżabilità.

14. Ma hemm l-ebda mudell ta' Għixien Independenti Sapportjat li jista' jiġi applikat għall-persuni kollha li għandhom diżabilità. Għaldaqstant, għandu jkun hemm taħlita ta' tipi differenti ta' akkommodazzjoni li jkun diżinjati fuq prinċipji ta' disinn universali filwaqt li jkunu wkoll addattati għall-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità li jkun se jgħixu f'dik l-akkommodazzjoni partikolari.

15. L-istrateġija tal-Aġenzija Sapport biex tipprovdi djar għal Għixien Independenti Sapportjat għandha tkun waħda flessibli. Għandu jsir użu, anke permezz ta' kera, ta' djar li huma propjetà tal-Awtorità tad-Djar.

16. Meta l-Aġenzija Sapport tiddetermina l-aħjar bilanċ bejn in-numru u tip ta' residenza ta' Għixien Independenti Sapportjat għandha tikkunsidra l-aħjar mod kif tuża dawn ir-residenzi sabiex tkun tista' tagħti servizz lill-akbar numru ta' nies possibbli, mingħajr ma jiġu mittiefsa l-prinċipji tal-Għixien Independenti Sapportjat skont Artiklu 19 tal-Konvenzjoni.

17. L-Aġenzija Sapport għandha tkompli tagħti prijorità lil dawk il-persuni b'diżabilità li, mingħajr is-sapport tagħha, ma jkunux jistgħu jagħmlu transizzjoni mid-dar tagħhom jew minn istituzzjoni għal ambjent ta' Għixien Independenti Sapportjat.

18. Il-Kumitat għall-Allokazzjoni ta' Servizzi ta' Għixien Independenti Sapportjat għandu jiddeċiedi s-servizz li għandu jingħata lil kull persuna b'diżabilità li tapplika. Il-Kumitat għandu jagħti għażla lil kull applikant kif ġej: (i) jingħata flus biex jagħżel hu stess membru tal-familja jew ħabib/a biex jagħmilha ta' assistent personali; (ii) jitlob sapport biex jimmaniġġja dawn il-flus; (iii) jitlob lill-Aġenzija

Sapport biex tieħu ħsieb l-arranġamenti għal assistenza personali' (iv) tidentifika l-persuna/persuni li tixtieq tgħix magħhom; (v) tidentika l-lokalità u bini li tixtieq tgħix fih.

19. Għandu jkun hemm sistema sabiex persuni b'diżabilità li jagħżlu li jimmaniġġjaw il-baġit personali tagħhom jkollhom sistema li permezz tagħha assistenti personali jiġu akkreditati, propjetà li fiha jgħixu tkun ċertifikata, u jkun hemm assessjar biex jiġi żgurat li persuni b'diżabilità li jkunu se jgħixu flimkien ikun kumpatibbli ma' xulxin.

20. L-Aġenzija Sapport għandha tipprovdi l-assistenza u sapport meħtieġa sabiex persuni b'diżabilità li jagħżlu li jimmaniġġjaw il-baġit personali tagħhom ikunu jistgħu jissodisfaw l-għażliet u aspirazzjonijiet tagħhom.

21. Għandu jkun hemm sistema ta' baġit personali għal persuni b'diżabilità biex igawdu minn Għixien Independenti Sapportjat, liema sistema għandha tikkumplimenta s-servizz li hu diġà provdut mill-Aġenżija Sapport. Din is-sistema għandha titħaddem bħalha proġett pilota għall-ewwel sentejn u tkun immirata lejn persuni b'diżabilitajiet u bżonnijiet differenti u li jgħixu f'tipi ta' djar differenti. Dan il-proġett imbagħad għandu jiġi rivedut u jiġi żviluppat f'sistema li topera fuq livell nazzjonali.

22. Għandu jkun hemm Fond għal Għixien Independenti Sapportjat li jkun *ring-fenced* u li jkun immexxi indipendentament mill-Aġenżija Sapport imma li minnu din l-Aġenżija tkun tista' taċċessa l-flus fuq il-bażi ta' pjan ta' ħidma u pjan finanzjarju sod. Il-Fond għandu jkun immoniterjat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

23. Is-sors prinċipali ta' finanzjament tal-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat għandu jkun il-Gvern, bħalha l-kustodju ewlieni tal-inklużjoni soċjali. Dan il-Fond għandu jżid il-finanzjament eżisteni għal Għixien Independenti Sapportjat bis-somma ta' €13,146,920 bejn l-2012 u l-2021 kif ġej:

- Investiment għal sentejn fil-proġett pilota - €606,000.

- It-tħaddim ta' djar u servizzi ta' Għixien Independenti Sapportjat li qabel kienu parti mill-proġett pilota - €2,678,916

- Varar ta' qafas ta' Politika ta' Għixien Independenti Sapportjat u tkomplija tat-tħaddim tad-djar - €2,574,891

- Żieda annwali fil-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat - €7,287,113.

24. L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandu jiġi emendat sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jirċievu l-pensjoni tad-diżabilità irrispettivament mid-dħul tagħhom.

25. Persuni b'diżabilità li jgħixu f'ambjent ta' Għixien Independenti Sapportjat immexxi mill-Aġenzija Sapport għandhom:
- iħallsu 60% tal-pensjoni tad-diżabilità fil-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat sabiex jagħtu kontribut għal spejjeż relatati ma' ikel, ilma u dawl, trasport, eċċ.
- iħallus 25% ta' dħul li jirċievu fil-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat sabiex jagħtu kontribut għal spejjeż relatati ma' ikel, ilma u dawl, trasport, eċċ.

26. Persuna b'diżabilità li tagħżel li timmaniġġja l-baġit personali tagħha filwaqt li tgħix f'dar ta' Għixien Independenti Sapportjat għandha tagħti 45% mill-pensjoni tad-diżabilità għall-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat sabiex tagħti kontribut lill-Aġenzija Sapport rigward spejjeż relatati mas-sapport provdut lill-persuna b'diżabilità.

27. Hu evidenti li finanzjament mill-Gvern ma hux biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż kollha relatati mal-Għixien Independenti Sapportjat. Għalhekk, il-Gvern għandu jinkoraġġixxi finanzjament privat li jista' jsir minn benefatturi jew minn kumpaniji permezz ta' miżuri ta' *corporate social responsibility*, permezz ta' dawn l-inċentivi:
- Tnaqqis ta' darba tat-taxxa sa massimu ta' €100,000 fuq dħul li jingħata lill-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat minn individwu matul ħajtu.

- Eżenzjoni mill-pagament tat-taxxa tas-suċċezzjoni sa massimu ta' €200,000 fuq dħul li jingħata lill-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat minn individwu wara mewtu.
- Tnaqqis ta' darba tat-taxxa sa massimu ta' €250,000 fuq dħul li jingħata lill-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat minn korporazzjoni jew entità legali.

28. Fuq bażi ta' erba' tipi differenti ta' Għixien Independenti Sapportjat b'livelli differenti ta' sapport, hu kkalkulat li l-ispiża annwali medja hi ta' €29,476. Din is-somma hi impossibli ħlief għal dawk li huma l-aktar sinjuri. Il-*Good Causes Fund* għandu jkun jagħti kontribut għall-Fond għal Għixien Independenti Sapportjat.

29. L-awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-KNPD u partijiet oħra konċernati, għandhom jintroduċu qafas addattat sabiex ikun hemm kundizzjonjiet favorevoli fir-rigward ta' dħul minn *Trusts* meta jkun ċar li l-għan tat-*Trust* mhuwiex biex tiġi evitata t-taxxa, jew xi benefiċċju ieħor indirett, imma biex ikun possibli għal familja ta' persuna b'diżabilità li tiżgura kwalità ta' ħajja aħjar għall-persuna b'diżabilità.

Kopja tar-rapport sħiħ bl-Ingliż tista' tinkiseb mill-websajt www.knpd.org.